**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**John Azzopardi ta' 45 sena, iben Manuel u Guza xebba Tonna, li joqghod Flat 16, Alfina Flats, Triq Manuel Magro, Marsalforn, Ghawdex.**
**(I.D. No. 254155 M)**

Illum 18 t' April, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-15 ta' Marzu 2001, f'Victoria ghall-habta tas-2:30p.m. u anke f'hinijiet ohra fl-istess gurnata aktar kmieni, ingurja u hedded il-persuna ta' Pauline Camilleri, ufficjal pubbliku fit-taqsima Dipartiment Harsien tal-Familja, sezzjoni Ghawdex, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, (2) aktar talli ghad li kien xurban qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha, (3) aktar talli f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jidher fic-car fis-sakra u waqt li kien f'dan l-istat dejjaq in-nies, (4) fl-ahhar akkuzat ukoll talli ghamel storbju.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat fuq it-tielet akkuza;

Il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 95 u 338 (bb) (ff) u (dd) tal-Kap 9;

Wara li qieghed il-gravita` ta' l-akkadut;

Tikkundanna lill-imputat ghal perjodu ta' detenzjoni ta' sebat ijiem mill-lum u stante li rrizulta li l-imputat ghandu problema relatata ma' l-alkohol, tirrakkomanda lid-direttur tal-habs sabiex jiehu dawk il-mizuri necessarji ghall-kura ta' l-imputat;

Tobbligah inoltre illi ma jimmolestax lil Pauline Camilleri fuq penali ta' mitt lira Maltija (Lm100) multa fin-nuqqas ghal zmien sena mill-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 u tordnalu jgib plegg fl-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) ghal zmien li jidhirlha l-Qorti minn issa mhux definit u dan ai termini ta' l-artikolu 384 tal-Kap 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur